**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 5 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Numru 51/17**

**Salvu Sammut**
**vs**
**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Salvu Sammut** fil-25 ta' Settembru 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponenti rcieva ittra datata wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn gie infurmat mit-Transport Malta illi l-istess Awtorita' kienet tal-hsieb illi tirrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghal tigdid ta' permess ta' xufier stante illi huwa mghadux jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba u dan ai fini tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passigieri;*
*Illi r-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passigieri jipprovdi illi persuna li tapplika għal permess ta' xufier ta' taxi għandha tissodisfa lill-Awtorità fost l-oħrajn li hi għandha reputazzjoni u kondotta tajba u dawn ir-Regolament jipprovdu specifikament dawk ir-reati illi jekk persuna tinstab hatja taghhom ma titqiesx iktar li tissodisfa l-kriterju ta' kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba.*
*Illi fil-fatt ir-Regolamenti jipprovdu:*
*Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba kif meħtieġ.... (a) jekk hi tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 217 [f'kaz illi r-reat tkun twettaq permezz ta' arma tan-nar], 220, 238(a), 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*
*Illi skont l-istess ittra surreferita din id-decizjoni illi jigi rifjutat lilu l-applikazzjoni ghal permess ta' tigdid ta' xufier kienet qed tittiehed peress illi fil-konfront tal-esponenti kienet inghatat sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Salvu Sammut deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tal-istess sentenza fuq ammissjoni l-esponent gie misjub hati;*
*Illi fl-istess ittra surreferita huwa inghata ghaxart ijiem zmien min-notifika sabiex jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu bil-miktub f'kaz illi ried jikkontesta tali decizjoni. Illi fil-fatt, permezz ta' ittra datata sebgha (7) ta' Gunju huwa kkontesta tali decizjoni fejn spjega u ta r-ragunijiet tieghu il ghala ma kienx qed jaqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mit-Trasport Malta;*
*Illi sussegwentement l-appellant rcieva ittra datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) minghand Transport Malta liema ittra huwa rceviha nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta'*

*Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn gie infurmat illi l-Awtorita' wara li hadet konjizzjoni tar-rapprezentazzjonijiet tal-appellant, qed izzomm ferm mad-decizjoni taghha illi tirrifjuta l-applikazzjoni tieghu ghal tigdid ta' permess ta' xufier stante illi skont is-sentenza moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) huwa instab hati ta' reat u konsegwentement mghadux jissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba sabiex izomm l-permess u jagixxi bhala xufier ta' taxi. Illi ghalhekk, l-istess Awtorita' irrifjutat l-applikazzjoni tieghu ghal permess ta' tigdid ta' xufier.*

*Illi l-appellant jirrileva illi d-decizjoni finali mehuda mill-Awtorita' tat-Transport ta' Malta hija wahda ingusta, irragjonevoli, bbazata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti u kif ukoll sproporzjonata ghall-fatti specje tal-kaz u dan kif se jipprova l-istess esponent waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.*

*Illi l-esponent jirrileva illi hu ilu snin twal bhala xufier u dejjem offra servizz impekkabli tant li qatt ma kellu problemi la mal-kollegi tieghu u wisq anqas mas-superjuri tieghu. Illi huwa jirrileva illi huwa qatt ma kellu ebda tip ta' problemi fil-kors tax-xoghol tieghu; jirrizulta fil-fatt illi s-servizz tieghu kien dejjem wiehed impekkabli, fejn qatt ma inghata ebda warning jew xi xorta ta' twissija ohra. Apparti minn hekk fuq ix-xoghol tieghu dejjem kien persuna illi kien ta' ezempju ghall-kollegi tieghu. Illi jigi rilevat ukoll illi l-esponenti huwa persuna b'fedina penali netta li qatt ma xifer difru mal-gustizzja u hlief ghal dan l-incident qatt ma kellu problem mal-Pulizija.*

*Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan il-kaz ghandu jigi trattat ukoll minn aspett umanitarju. L-esponenti huwa ragel tal-familja u dan ifisser illi jekk jitkecca mix-xoghol tieghu se tkun ferm difficli ghalih illi jkompli bil-pjanijiet anke tenut kont tal-fatt tad-diffikulta' biex jerga' jsib xoghol iehor u dan in vista tal-eta' tieghu.*

*Illi ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jhassar l-imsemmija decizjoni tat-Transport ta' Malta datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax u ghaldaqstant jgedded il-permess ta' tigdid ghal xufier tal-appellanti;*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

1. *Jiddikjara illi d-decizjoni tat-Transport Malta datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija zbaljata u ingusta u ghalhekk tali decizjoni ghandha tigi mhassra u revokata u dana ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;*

2. *Jordna lill-intimat Transport Malta sabiex jaccettaw u jgeddu l-applikazzjoni tal-appellant ghal permess ta' xufier;*

3. *Tordna kull provvediment iehor illi dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** pprezentata fil-21 ta' Novembru 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-allegazzjonijiet, l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk dawn il-proceduri huma frivoli u vessatorji hekk kif ser jigi muri fil-kors ta' dawn il-proceduri;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, id-decizjoni tal-Awtorita' intimata hija ragjonevoli, gusta u legali u, konsegwentement, ghandha tigi konfermata in toto u l-proceduri mressqa mir-rikorrent ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-su-eccepit, kif afferma r-rikorrent stess fl-att promotur, huwa recentement applika ma' l-Awtorita' intimata ghal-tigdid ta' permess ta' xufier ai termini tar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri. Tali process jesigi li l-Awtorita' intimata tosserva r-regolamenti li jinsabu fis-sehh meta ssir tali applikazzjoni, ossia osservanza u adempiment tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 u dan a bazi tal-principju ta'*

*tempus regit actum.*[1] *Illi fid-data ta' l-applikazzjoni tar-rikorrent, ir-regolament 9 (1) (a) (i) kien jippreskrivi hekk: "Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk hija tkun instabet hatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203,* ***203A****, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a), 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminal." L-operat ta' l-Awtorita' intimata f'dan il-kaz kien li ssegwi din il-ligi. Ghalhekk, id-decizjoni taghha kienet, u ghadha, wahda gusta u lecita;*

4. *Illi b'estensjoni ghall-eccezzjoni precedenti, jigi sottolinejat illi hemm certi okkupazzjonijiet u professjonijiet li biex wiehed ikun jista' jippratikhom irid ikollu kondotta tajba w li jekk dan ma jkunx il-kaz, jista' ma jithalliex jippratikhom jew, jekk ikun qed diga' jippratikhom, jista' fl-interess tas-socjeta' ma jithalliex ikompli jippratikhom billi jew titnehhilu l-warrant bhal fil-kaz ta' professjonisti bhal avukati, tobba, spizjara, eccetera, jew okkupazzjonijiet ohra bhal dik tar-rikorrent. Dan hu s-sens tar-regolament citat supra;*

5. *Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Ra d-dokumenti pprezentati;

Ra l-affidavit tar-rikorrent;

Sema' lil Brian Farrugia in rapprezentanza tal-Awtorita` intimata;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

## Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 22 ta' Awwissu 2017 li permezz taghha gie mgharraf illi l-istess Awtorita` ma kinitx se ggeddidlu t-*tag* ta' xufier skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggier peress li ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni tajba stante li kien gie misjub hati permezz ta' sentenza datata 23 ta' Jannar 2014 ta' reat li jidher fit-Titolu 1 tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 205, 211, 212, 217, 220, 238 (a), 248B, 248C, 248D tal-Kodici Kriminali.

[1] Huwa sew maghruf, dottrinalment u gurisprudenzjalment, illi l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet, sew dawk *ex contractu* jew *ex lege*, "*si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*" (**Filomena Borg et v. Antonio Borg et**, Appell Civili, 28 ta' Gunju,1907 riportata f'*Kollez*. Vol.XX-I-68). Ghalhekk, hu principju generali anke fl-ordinament taghna li, ghax *tempus regit actum*, id-dixxiplina ta' fatt hi assoggettata ghan-normattiva taz-zmien li fih dak l-istess fatt isehh. Tali principju jinsab ukoll fis-sentenzi **Ottavio Suda v. Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Konsumatur et** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru 2008) u **Leonard Cassar v. L-Awtorita' Ta' Malta Dwar L-Ambjent U L-Ippjanar** (Appell Inferjuri, 8 ta' Mejju, 2013).

Illi **r-rikorrent** spjega illi huwa ilu jahdem madwar tmienja u ghoxrin sena bhala xufier u qatt ma kellu problemi hlief ghal kaz sfortunat li wassal biex jittiehdu proceduri kriminali kontrih fejn huwa kien ammetta ghall-akkuzi. Jispjega li huwa kien ammetta ghall-istess akkuzi fuq parir tal-avukat tieghu u biex ma jittawwalx il-kaz.

**Brian Farrugia**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, xehed illi t-*tag* ta' xufier tar-rikorrent ma kinitx giet imgedda peress li r-rikorrent kien inghata sentenza fit-23 ta' Jannar 2014 fejn huwa nstab hati ta' reat ai termini tal-artikolu 203A tal-Kodici Kirminali.

**Ikkunsidra:**

It-Tribunal jirrileva illi biex xufier ikun jista' jsuq vettura bil-mutur ghall-kiri, minbarra l-permess ta' xufier ai termini tar-Regolament 17 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri), irid ikollu wkoll tikketta ta' identifikazzjoni, kif aktar komunament maghrufa bhala *tag,* u dan ai termini tal-artikolu 130A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) mahruga mill-Awtorita` intimata. Illi skond Regolament 22 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 il-permess ta' xufier u t-tikketta ghandhom jibqghu validi ghal perjodu ta' hames snin mid-data li fiha jinghata l-permess ta' xufier jew perjodu iehor iqsar kif specifikat fuq l-istess permess jew tikketta, sakemm ma jkunux revokati jew sospizi.

Illi mill-fedina penali tar-rikorrent esebita mill-Awtorita` intimata jirrizulta illi, fit-23 ta' Jannar 2014, effettivament gie kkundannat tlettax-il xahar habs sospizi ghal zmien sentejn wara li nstab hati li f'Novembru 2013 wettaq reat ai termini tal-artikolu 203A tal-Kodici Kriminali (korruzzjoni ta' minorenni). Illi la r-rikorrenti u lanqas l-Awtorita` intimata ma gabu prova dwar ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, pero` l-fatt jibqa' li hemm kundanna dwar reat li jinsab elenkat f'artikolu 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti Dwar Servizzi ta' Garr ta' Passiggieri).

Illi in vista tas-sentenza su citata, l-Awtorita` intimata ma geddidtx **it-*tag*** lir-rikorrent stante li ai termini tar-Regolament 130A (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) *"L-imsemmija tag tinhareg biss mill-Awtorità lil dak ix-xufier li -*
*(a) ikollu l-licenza tas-sewqan adatta,*
***(b) fil-fehma tal-Awtorità jkollu kondotta tajba,***
*(c) jattendi b'mod regolari kors ta' taghlim approvat mill-*Awtorità *u jghaddi mill-ezami fi tmiem l-imsemmi kors"*

Illi mbaghad Regolament 130A (4) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11[2] jispjega illi *"Persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk....tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista'* ***tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur*** *jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centemzu (€465.87)."*

Illi r-reat in dizamina, u cioe` dak a tenur tal-artikolu 203A kif aggravat ai termini tal-artikolu 203 (1) tal-Kodici Kriminali kien igorr mieghu piena ta' prigunerija sa massimu ta' **tliet (3) snin prigunerija**.[3]

Illi mbaghad ai termini tar-Regolament 18 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.56, biex applikant jinghata **permess ta' xufier** irid ukoll jissodisfa r-rekwizit ta' reputazzjoni u kondotta tajba. Taht dawn l-ahhar Regolamenti, kif kienu qabel gew emendati permezz tal-Avviz Legali 95 tal-2017, reputazzjoni u kondotta tajba huma hekk kif definiti f'Regolament 9 (1) minbarra l-paragrafu (g) tieghu, u skond ir-Regolament 9 (2).

Illi Regolament 9 (1) (a) jistipula s-segwenti:-

*"(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba:*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew tal-artikoli 198, 199, 203,* ***203A***[4]*, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;"*

Ghalhekk jirrizulta car illi ai termini tac-citati Regolamenti jekk persuna tkun instabet hatja ta' reat ai termini tal-artikolu 203A tal-Kodici Kriminali ma tkunx tista' titqies li hija ta' reputazzjoni u kondotta tajba sabiex tikseb jew iggedded il-permess ta' xufier.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-Awtorita` intimata ma kellhiex wisq diskrezzjoni f'dan il-kaz imma riedet necessarjament timxi ma' dak li tghid il-ligi. Illi t-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrenti li ghandu certa eta` u ilu zmien twil jahdem f'dan il-mestier, pero` min-naha l-ohra ma jistghax jannulla d-decizjoni tal-Awtorita` intimata stante li ma hix legalment zbaljata.

Illi lanqas ma' dan it-Tribunal jista' jitratta ma' dan il-kaz minn aspett umanitarju kif jissuggerixxi r-rikorrent fir-rikors promutur tieghu. Kieku kien hekk allura tispicca l-oggettivita` u c-certezza kollha li kull cittadin ghandu jippretendi minn dan it-Tribunal.

[2] Kif kien qabel emendat bl-Avviz Legali 123 tal-2018
[3] Permezz tal-Att XII tal-2018 din il-piena gholiet b'minimu ta' erba' snin sa massimu ta' tmien snin
[4] Enfasi tat-Tribunal

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jikkonferma d-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija qieghed jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**